MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2014

Numru. 1043/2006

**Il-Pulizija**

**(Spettur Malcolm Bondin)**

**Vs**

**Carmel Pace**

**Il-Qorti**;

Rat li l-imputat  Carmel Pace ta' 56 sena bin Aliseo u Espedita nee' Vella mwieled Mosta nhar il-21 ta' Mejju 1950, li joqhod 27, Blackley Street, Pieta, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 476150M gie akkuzat :

(a) Talli nhar l-14 ta'April 2006 u fil granet ta' qabel f'Hal Muxi L/O Siggiewi volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' hsara fl-ghalqa ta' Nicola Vassallo, liema hsara tiskorri il-valur ta' hamsin Lira Maltija (LM50) imma mhux il-valur ta' hames mitt lira Maltija (LM500) (skond l-art. 325 (1b) tal-kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta);

(b) Aktar talli fl-istess dati, hin lok u cirkustanzi, bla hsieb li tisraq jew taghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita jedd li tippretendi li ghandek, fixkilt lil Nicola Vassallo fil-pussess ta' hwejgu u hattejt bini u indhalt fi hwejjeg haddiehor (skond l-Art. 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

(c) Aktar talli fl-istess dati, hin lok u cirkustanzi, ikkommettejt dhul b'abbuz fil-propjeta ta' Nicola Vassallo b'wiehed mill-mezzi msemmija fl-Artikli 264 u 266, meta mic-cirkustanzi jkun jidher li l-hsieb tieghek kien li taghmel hsara lil-propjeta (skond l-Art. 330 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

(d) Aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkustazi, bi hsara tas-sid tal-propjeta ta' Nicola Vassallo, ghamilt vjolazzjoni kontra l-propjeta tal-kwerelant (skond l-Art.340(d) tal- Kap.9 tal- Ligijiet ta' Malta);

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tipprovdi ghas-sigurta ta' Nicola Vassallo skond l-Art. 383 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**;

Illi in succinct jinghad li din ma kienet xejn hlief kawza naxxenti minn atteggjament xejn civili da parti ta` l-imputat. Taht l-impressjoni li hu kien propjetarju ta` sqaq partikolari, minflok

ghazel li jagixxi b'mod civili, ha l-ligi b'idejh, u ostakola lil Nicholas Vassallo fit-tgawdija li dan kellu in konnessjoni ma tali sqaq. Il-Qorti ma hix propensa li toqghod tirriproduci hawnhekk x'qalu x-xhieda verbatim waqt id-depozizzjonijiet taghhom; wara kollox, dawn huma lkoll traskritti, u l-Qorti ma hux ser tippermetti aktar hela ta` hin fuq din il-kawza.

Il-Qorti tixtieq tippuntwalizza illi din il-kawza giet ipprezentata fil-Qorti nhar it-3 ta` Ottubru 2006. U l-atti ta` din il-kawza gew assenjati lil din il-Qorti, kif presjeduta, propju f'Awwissu tas-sena 2013 (peress illi l-gudikant li kien jippresjedi l-Qorti tal-Magistrati gie elevat ghal Imhallef).

**Ikkunsidrat**;

Fil-fehema ta` din il-Qorti, r-reati kollha addebitati lill-imputat gew sufficjentement ippruvati mir-rizultanzi processwali. Il-Qorti hi konvinta, indipendentement mill-kwistjoni tal-propjeta`, illi Nicholas Vassallo kien igawdi l-uzu ta` l-isqaq mertu ta` din il-kawza. Fid-data, lok u hin indikati fl-imputazzjoni, jirrizulta ampjament illi l-imputat ghamel struttura bil-gebel u bieb li jissakkar, b'liema mod huwa ostakola lil Nicholas Vassallo fit-tgawdija li kellu. Irrizulta wkoll illi l-imputat ghamel vjolazzjoni kontra l-propjeta` ta` Nicholas Vassallo u effettivament dahal f'tali propjeta` b'abbuz. Ex admissis l-imputat jikkonferma li ghamel xi hsara wkoll, anke jekk huwa jikkwalifika l-atteggjament tieghu. Dwar il-valur tal-hsara kkawzata, din il-Qorti ser tillimita ruhha biss billi tiddikjara li hija konvinta li tali hsara teccedi l-Lm50 (€116.47).

**Konkluzjoni**;

GHALL-MOTIVI PREMESSI L-QORTI, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 325, 85, 330, 264, 266 u 340(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, **issib lil Carmel Pace hati ta` l-imputazzjonijiet kif dedotti u**, billi jissussistu l-elementi ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-istess Artikolu, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat ghall-perjodu ta' sentejn mill-llum.

Il-Qorti fissret lil Carmel Pace bi kliem li jinftiehem, il-konsegwenzi legali ta’ din is-sanzjoni imposta fuqu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------